*APPREZZAMENT TA' PROVI*

*BEJGH ON CONSIGNMENT*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 29 ta' Novembru 2001**

**Kawza Numru: 31**
**Citazzjoni Numru: 2786/97/RCP**

**June Ltd**

**vs**

**Mario Borg**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef hames mija u tmien Liri Maltin (Lm3508) liema somma tirraprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata fuq talba tieghu stess;

Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u ghalkemm interpellat, anke ufficcjalment, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Illi fil-fehma tas-socjeta' attrici il-konvenut m'ghandux eccezzjoni valida x'jaghti kontra din l-azzjoni;

Illi ghall-finijiet tal-artikolu mija u sebgha sittin (167) "et sequitur" talKodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili qieghed jigi hawn anness Affidavit tar-rapprezentant gudizzjarju tas-socjeta' attrici Doris Grech u mmarkat bhala Dok. 'A";

L-istess socjeta` attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

(1) Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

(2) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma minnu dovuta ta' tlett elef hames mija u tmien Liri Maltin (Lm3508) liema somma tirraprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu fuq talba tieghu stess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 17 ta' Novembru 1997, u tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru 1997 u tal-Mandat ta' Sekwestru tat-3 ta' Dicembru 1997, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 6 tal-process;

Rat il-verbal tas-7 ta' Jannar 1998 fejn Dr Mifsud Bonnici ddikjara li l-konvenut ghandu eccezzjoni valida x'jaghti u din hija fis-sens illi l-merkanzija in kwistjoni kienet moghtija *on consignment basis*, u ghalhekk talab li jinghata l-permess li jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet. Dr Kris Borg iddikjara li kien hemm skambju ta' korrispondenza fuq daqshekk. Il-Qorti tat digriet fis-sens li laqghet it-talba u ordnat li l-kawza ssir fil-kors ordinarju taghha u pprefiggiet

terminu ta' ghoxrin (20) jum mid-data tan-notifika tac-citazzjoni kif ukoll ta' dan id-digriet lill-konvenut biex jipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu. Il-konvenut ta' ruhu notifikat bic-citazzjoni u bl-imsemmi digriet. Il-kawza giet differita ghat-23 ta' Marzu 1998 ghall-kontinwazzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tas-7 ta' Jannar 1998 fejn gie eccepit:

Illi t-talbiet attrici huma infondati peress li l-merkanzija *de quo* kienet moghtija lill-esponent *on consignment* u l-esponent huwa dejjem pront ihallas ghal dik il-merkanzija li giet minnu mibjugha.

B'riserva ta' eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 13 u 14 tal-process.

Rat il-verbali tat-23 ta' Marzu 1998 u tad-29 ta' April 1998.

Rat l-affidavit ta' Mario Borg tal-20 ta' Ottubru 1998 (fol 21 sa 27).

Rat il-verbal tat-23 ta' Ottubru 1998 fejn Dr Kris Borg talab estensjoni taz-zmien biex jipprezenta l-provi tieghu sa fejn

hu possibbli bil-procedura tal-affidavit, u l-kawza giet differita ghat-12 ta' Frar 1999.

Rat il-verbal tat-12 ta' Frar 1999 fejn Dr Borgipprezenta nota bl-affidavit ta' Doris Grech (fol.35 sa 36). Dr Mifsud Bonici ta' ruhu b'notifikat u rriserva l-kontro-ezami ta' Doris Grech.

Rat il-verbal tas-27 ta' Ottubru 1999 fejn xehed in kontro-ezami l-konvenut u l-partijiet ftehmu li Doris Grech ghas-socjeta` attrici ghandha taccedi fid-dar tal-konvenut fit-18 ta' Novembru 1999 fil-5 p.m. biex possibilment isir ftehim. Il-kawza giet differita ghas-7 ta' Jannar 2000.

Rat il-verbali tas-7 ta' Jannar 2000; tas-27 ta' Marzu 2000 fejn Dr Borg informa lill-Qorti li ma hemmx aktar possibilita` li l-kawza tigi transatta u ddikjara li l-kawza ghandha tiehu l-kors normali taghha u ddikjara wkoll li f'dan l-istadju m'ghandux aktar provi; tad-19 ta' Mejju 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ppresjeduta; tal-5 ta' Ottubru 2000; tas-6 ta' Dicembru 2000; tal-14 ta' Marzu 2001 fejn xehdet Doris Grech u Dr Borg iddikjara li m'ghandux provi aktar salv li jipprezenta l-*invoices* relattivi in vista tax-xhieda moghtija llum u pprezenta nota ta' riduzzjoni.

Rat il-verbali tal-5 ta' Gunju 2001 u tal-10 t'Ottubru 2001 fejn deher biss Dr Kris Borg ghas-socjeta` attrici. Id-difensur tal-konvenut u l-konvenut imsejhin diversi drabi baqghu ma dehrux, il-Qorti ghalhekk wara li rat il-verbal tal-5 ta' Gunju 2001 fejn il-kawza kienet giet differita ghall-lum ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-konvenut, iddikjarat il-provi tal-konvenut maghluqa u halliet il-kawza ghas-sentenza ghad-29 ta' Novembru 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir stante li s-socjeta` attrici qed tallega li ghandha tiehu s-somma ta' Lm3508 rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Illi min-naha tieghu **l-konvenut** eccepixxa li tali merkanzija kienet mibjugha *on consignment basis* u kien pront li jhallas dak li attwalment gie mibjugh lilu, wara li jsiru l-konteggji relattivi.

Illi in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut fl-affidavit tieghu tal-20 t'Ottubru 1998 sostna li ghalkemm is-socjeta` attrici interpellatu sabiex ihallasha l-ammont ta' Lm3508.77 permezz ta' ittra legali datata 19 ta' Novembru 1997 (Dok MB10 a fol 23), minn dan l-ammont irid jitnaqqas:

(a) L-ammont ta' Lm1,430.81c rapprezentanti hwejjeg li kellhom jigu ritornati lis-socjeta` attrici skond lista esebita bhala Dok MB112 a fol 26 u 27 tal-process.

(b) L-ammont ta' Lm100 rapprezentanti *faulty fabric* ikkonsenjat lilu.

(c) L-ammont ta' Lm864 valur ta' qliezet li l-konvenut allega li hadem fuq inkarigu tas-socjeta` attrici, li huwa ekkwivalenti ghall-144 qalziet bis-Lm6 il-wiehed, li minnhom 19 biss gew irritornati lis-socjeta` attrici.

(d) Il-valur ta' *mannequin* li s-socjeta` attrici halliet ghand il-konvenut fl-ammont ta' Lm200.

Illi ghalhekk il-konvenut qed jikkontendi li ghandu jaghti lis-socjeta` attrici l-ammont ta' Lm913.96 rapprezentanti l-ammont ta' Lm3,508.77 li minnhom jitnaqqsu t-total fuq indikat mill-konvenut ta' Lm2594.81, li jhalli l-bilanc ta' Lm913.96 kif hawn indikat.

Illi min-naha l-ohra **Doris Grech** ghan-nom tas-socjeta` attrici sostniet li hija qed titlob l-ammont ta' Lm3508, rapprezentanti kwante ghall-Lm3152.09 xoghol mibjugh u kwantu ghall-Lm356.68 valur ta' drapp u skond id-Dokument "KB1" dan l-ammont jikkonsisti fis-segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| (a) | Hwejjeg ta' taht | Lm1,474.62c0 |
| (b) | Drapp biex jinhadem fi qliezet | Lm356.18c0 |
| (c) | Hwejjeg ta' taht u kalzetti | Lm1,150.63c0 |
| (d) | Jogging Suits u Pigami | Lm427.34c0 |
| (e) | Figorin (Mannequin) | Lm100.00c0 |
| | | Lm3,508.77c0 |

Illi minn dan l-ammont is-socjeta` attrici rriduciet it-talba bis-somma ta' Lm769.81 rapprezentanti kwantita ta' hwejjeg ta' taht ta' li huma gabru minghand il-konvenut fil-mori tal-kawza, stante li hallihom, inkluz il-valur ta' Lm100 ghall-*mannequin* li hadu lura (Lm669.81 + Lm100).

Illi dwar l-qliezet li l-konvenut allega li s-socjeta` attrici ordnat minghandu sabiex huwa jahdem kwantita ta' qliezet minn materjal fornit lilu, izda Doris Grech innegat li qatt m'ghamlet din l-ordni, apparti li meta hija marret biex tigbor ix-xoghol lura kull ma sabet kienu zewg qliezet mahmugin li ovvjament irrifjutat li tiehu lura.

Illi dwar il-*faulty fabric* sostniet li kienet naqset l-ammont ta' Lm22.05 qabel ma nhareg il-kont, u l-konvenut qatt ma lmenta izjed dwar il-kumplament tad-drapp.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut ma huwiex qed jikkontesta l-konsenja tal-oggetti indikati mis-socjeta` attrici u l-prezzijiet taghhom *per se* izda qed isostni biss li la darba l-hwejjeg gew ikkonsenjati *on consignment basis* huwa mhux obbligat li jhallas ghall-oggetti li huwa ghazel li jirritorna lura lis-socjeta` attrici.

Illi fil-fatt kif fuq elenkat, l-istess konvenut qed jallega li ghandu ghalhekk jitnaqqas l-ammont ta' Lm1,430.81 rapprezentanti hwejjeg li huwa kien ser jirritorna lura lis-socjeta` attrici skond lista mmarkata bhala Dok 'MB11' a fol 26 u 27 tal-process.

Izda mill-provi prodotti jirrizulta biss li fil-mori tal-kawza l-hwejjeg li gew effettivament irritornati mill-konvenut lis-socjeta` attrici, skond ix-xhieda ta' Doris Grech, kien biss fl-ammont ta' Lm669.81, li fil-fatt gew ridotti mis-somma tas-sorte mitluba mis-socjeta` attrici, u fin-nuqqas ta' provi ulterjuri li effettivament l-istess hwejjeg ghadhom jezistu fil-pussess tal-konvenut, l-allegazzjoni tieghu ma tistax tigi

akkolta, hlief ovvjament ghall-valur ta' Lm669.81 infatti ritornati.

Illi *di piu`* tenut kont tal-fatt li l-konvenut inghata l-opportunita` li anke fil-mori tal-kawza jirritorna l-istess oggetti lis-socjeta` attrici, huwa nuqqas serju da parti tieghu li huwa kkonsenja lura lis-socjeta` attrici l-ammont biss fuq indikat, u mhux dak allegat minnu li kellu jitnaqqas u dan bla ebda dubju juri traskuragni da parti tieghu, li ghalih ghandu jbati l-konsegwenzi. Dan apparti li hu ma rnexxielux jipprova l-allegazzjonijiet tieghu ghall-ammont ulterjuri minnu vantat.

Illi dwar l-allegazzjonijiet l-ohra minnu vantati ghat-tnaqqis mill-ammont rikjest mis-socjeta` attrici, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, huwa ma rnexxielux jissodisfa l-oneru tieghu ta' prova ghal dak minnu allegat, b'mod li ma jistax jinghad li mill-provi prodotti huwa ipprova sodisfacentement l-allegazzjonijiet tieghu. Dan qed jinghad dwar l-allegazzjonijiet tieghu li kellhom jitnaqqsu mis-somma rikjesta l-ammont ta' Lm100 ghad-drapp hazin allegatament ikkonsenjat lilu mis-socjeta` attrici, u l-ammont ta' Lm864 rapprezentanti valur ta' qliezet li huwa ikkontenda li hadem fuq inkarigu tas-socjeta` attrici.

Illi dwar it-tieni punt imsemmi fil-paragrafu precedenti jinghad li s-socjeta` attrici, tramite Doris Grech, tikkuntesta b'mod kategoriku li kien jezisti tali ftehim, anzi din issostni li qatt ma kien hemm tali ordni, tant li tali qliezet hija qatt ma hadet konsenja taghhom, hlief ghan-numru zghir li hija xtrat minghand il-konvenut. Fin-nuqqas ta' prova ta' dan il-ftehim u din l-ordni, huwa ovvju li din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li tirrigetta anke din l-allegazzjoni da parte tal-konvenut, u zzid tghid li l-fatt li l-konvenut qatt ma nterpella lis-socjeta` attrici sabiex tiehu konsenja tal-istess, hlief wara li ircieva l-kont, timmilita kontra t-tezi tal-istess konvenut.

Illi huwa sinifikanti li wara l-ittra interpellatorja tas-17 ta' Novembru 1997, l-konvenut ma semma xejn dwar id-drapp allegatament difettuz, u l-prezz tal-qliezet minnu mahduma fl-ittra responsiva tieghu tad-19 ta' Novembru 1997 (Dok 'MB/10" a fol 24 tal-process) stante li l-unika lment li hemm imsemmi kien biss l-argument li l-hwejjeg gew ikkonsenjati *on consignment* u s-socjeta` attrici naqset li tiehu lura l-istess hwejjeg. Certament li oggezzjoni bhal din kellha tissemma mill-konvenut fl-istess ittra u mhux biss wara li gew istitwiti dawn il-proceduri, fatt li jimmilita kontra l-kredibilita` tal-konvenut f'din il-kawza.

Illi l-ahhar ilment kien dwar il-bust jew *mannequin* li s-socjeta` attrici kienet halliet ghand il-konvenut, liema bust ittiehed lura mis-socjeta` attrici fil-mori tal-kawza. Il-konvenut jippretendi li minhabba dan ghandha titnaqqas is-somma ta' Lm200 mill-kont, mentri s-socjeta` attrici naqset Lm100 mill-kont, u fin-nuqqas ta' provi li l-bust jiswa izjed, din il-Qorti ser timxi fuq l-ammont ta' Lm100, li effettivament jifforma parti mis-somma ridotta tas-socjeta` attrici b'nota tal-14 ta' Marzu 2001 a fol 49 tal-process. Din is-somma jirrizulta li giet imnaqqsa nonostante li l-istess Doris Grech sostniet fl-affidavit taghha tat-12 ta' Frar 1999 li l-istess prezz tal-bust ma kienx imdahhal fil-kont (fol 36).

Illi ghalhekk in vista tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fl-ammont kif ridott ta' Lm2738.19.

**<u>III. KONKLUZZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghall-ammont ta' sorte kif ridott, **tilqa' t-talba attrici kif ridotta,** b'dan illi:

(2) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma minnu dovuta ta' elfejn, seba' mija u tmienja u

tlettin Liri Maltin u dsatax-il centezmu (Lm2,738.19c) bilanc mhux imhallas minn prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu fuq talba tieghu stess.

Bl-imghaxijiet legali mid-data tat-2 ta' Dicembru 1997 sal-effettiv pagament u bl-ispejjez jinqasmu kwantu ghall-erbgha minn hames parti (4/5) a karigu tal-konvenut u kwantu ghall-parti minn hamsa (1/5) a karigu tas-socjeta` attrici, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tas-17 ta' Novembru 1997, ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru 1997 u tal-Mandat ta' Sekwestru tat-3 ta' Dicembru 1997.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**29 ta' Novembru 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**29 ta' Novembru 2001.**